**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**Spettur Charlotte Curmi**
**vs**
**Silvio Zammit**

**Distrett Zabbar**

**Illum il-Hamis 8 t'Ottubru, 2020**

Il-Qorti;

Rat lil Silvio Zammit, detentur tal-karta tal-identita' 8585M.

Akkuzat talli nhar it-23 t'Awwissu, 2015 gewwa Triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsaskala.

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Caroline Zammit detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 176484M, u dan bi ksur tal-artikoli 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali, current incident report, process verbal.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Profs Alfred Vella u David Desira.

Semghet lill-imputat jixhed b'mod volontarju fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu.

**Profs Alfred Vella**, jghid li dan kien incident sfortunat u mhux wiehed li kien hemm mottiv warajh. Jghid li l-incident sehh minhabba li meta kien qed isir trasferiment ta' fuel minn go kontenitur ghal gol-fuel tank, kien hemm vapour li huwa process normali u kif startjaw il-mutur tad-dghajsa, kien hemm spark li ncendja d-dghajsa. Konsegwentement, inharqu idejn u saqajn is-sinjura li kienet fuq id-dghajsa. Jghid li seta' jigi evitat dan l-incident li kieku meta sar dan it-trasferiment, sar b'xi pipe iktar l'isfel sabiex l-arja ma tinteliex bil-fuel ukoll.

**Silvio Zammit**, jispjega li fit-23 t'Awwissu, 2015, hu u l-mara tieghu Caroline marru gewwa l-garaxx ta' David fejn kellhom id-dghajsa taghhom sabiex ivaraw id-dghajsa. Caroline telghet fid-dghajsa tqassam il-picnic cooler, tefghet xi xugamani fuq is-seats u ppruvat tqabbad il-battery mad-dghajsa, izda ma rnexxilhiex. Ghalhekk, Silvio dahal fid-dghajsa wkoll u hareg landa taz-zejt tat-two stroke biex itih lil mutur tad-dghajsa, sabiex jaccerta li l-livell taz-zejt kien wiehed tajjeb. Silvio Zammit hareg mid-dghajsa u mar quddiem l-istess dghajsa sabiex jipprova jerga' ihaddem il-magna u hekk kif dawwar ic-cavetta, sehhet spluzjoni. Caroline, il-mara ta' Silvio Zammit bdiet twerzaq u Silvio Zammit mar biex jipprova johrogha mid-dghajsa izda ma setghax jaqbadha ghaliex kienu qed jaqghu partijiet mill-gilda taghha. Sakemm beda jghajjat ghall-ghajnuna u ghall-ilma, Silvio Zammit kellu xi laned tal-ilma li kien se jintuza sabiex ilahlaq id-dghajsa wara li jitilghu lura u beda jitfa' l-ilma fuq martu. Dak il-hin gie David b'barmil ilma u bil-permess ta' Silvio Zammit, qaleb id-dghajsa bil-gaffa sabiex jippruvaw jikkontrollaw in-nirien. Silvio Zammit cempel ghall-assistenza tal-Protezzjoni Civili u anke ghall-ambulanza, izda peress li tal-ambulanza ma setghux jifhmu l-akkwati li kienu fihom Silvio Zammit u martu, dawn tal-ahhar marru l-poliklinika ta' Rahal Gdid fejn kienet qed tistennihom hemm l-ambulanza. Silvio Zammit li d-dghajsa kienet ilha ghandu fuq ghaxar snin u dejjem uza l-istess procedura.

**David Desira** jghid li dak inhar tal-incident huwa kien ghaddej bil-gaffa gewwa Triq Torri Mamo, Wied il-Ghajn. Hu u ghaddej bil-gaffa, sema' spluzjoni u ghajjat ghall-ilma. Ghalhekk, huwa mela barmil u mar gewwa l-garaxx bl-ilma. Jghid li Silvio Zammit tefa' d-dghajsa barra sabiex David Desira jwarrab l-istess dghajsa bil-gaffa, u dan sabiex jigi evitat milli jaqbad it-tiben. L-ilma ntuza fuq il-mara ta' Silvio Zammit stante li kienet inharqet.

Saret it-trattazzjoni tad-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi hawn si tratta ta' incident li sehh go garaxx ta' l-imputat meta huwa kien flimkien mal-mara tieghu qeghdin jippreparaw id-dghajsa taghhom sabiex johorgu biha. Fil-fatt l-imputat kien qieghed jimla t-tank tad-dghajsa bil-petrol u meta gie biex jixghel id-dghajsa kien hemm spark li effettivament holqot spluzjoni kbira b'dan li b'konsegwenza wegghet gravi u serjament il-mara tieghu. Kif ra hekk huwa talab ghall-ghajuna u hareg lill-mara tieghu kif ukoll id-dghajsa u talab ghall-ilma. Minhabba dan l-incident kienet infethet inkjesta u fost diversi esperti inhatar bhala espert il-Profs Alfred Vella sabiex jaghti hjiel u jikkonstata x'kien li ta' bidu ghal dan l-incident.

Il-Prof Alfred Vella fir-rapport tieghu fl-inkjesta jikkonkludi bil-mod segwenti,

*"Wara li ra x-xena ta' l-avvident u sema' x-xhieda ta' Silvio Zammit u David Desira, l-esponent jasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni li ta' Zammit ta' dak li gara fil-garaxx kienet veritiera u taqbel mal-provi prezenti fuq il-post.*

*L-esponent hu tal-fehma li l-hruq tad-dghasa sehh minhabba li fl-atmosfera fl-intern tad-dghajsa kien ingabar akkumulu ta' petrol vapour u dan gie incendjat hekk kif Zammit xehel il-mutur, liema azzjoni dejjem tikkrea sparkjar b'energija sufficjenti sabiex tincendja tahlita ta' arja u petrol li jkun hemm f'kuntatt mas-swicc.*

*Zammit starr li hu kien mar fejn il-mutur u "permezz ta' buzzieqa bdejt intella' il-petrol gol-erba' karburaturi (tal-outboard motor). F'dan il-hin bdejt inxomm ir-riha ta' petrol li ghalija kienet xi haga normali." Sfortunatament, Zammit donnu ma indunax li kien qieghed hiereg il-petrol f'post 'il barra mill-passaggi u reservoirs (bhal karburaturi) tal-mutur fejn dan il-fjuwil sata' jevapora fl-arja u r-riha ta' fjuwil ma taghhix importanza ghax dehrlu li kienet xi haga normali. Tahlita ta' petrol u arja, fejn il-volume*

*concentration tal-petrol tkun 1%, hi splussiva u hekk kif tigi f'kuntatt ma' sors ta' injizzjoni, bhal spark, din tista' tiehu n-nar b'mod vjolenti.*

*Zammit qal li ra nar fuq wara tad-dghajsa, u dan jikkonferma li s-sors tal-fjuwil fl-arja kien l-outboard motor.*

*Silvio Zammit starr li Caroline inharqet f'saqajha u idejha: dan kien konsistenti ma nar li sehh f'livell baxx fejn wiehed kien jistenna li jingabar il-petrol vapour, li ghandu densita' ghola minn dik tal-arja, fl-intern tad-dghajsa.*

*Zammit stqarr li biex johrog id-dghajsa barra mill-post, hu gibidha minn quddiem, fejn ma kienx hemm fjammi jaqbdu. Dan kien konsistenti mal-fatt li n-nugrufun fuq il-hajt tal-garxx kien prezenti l-iktar fuq il-parti ta' wara tal-garaxx.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent jikkonkludi li l-accident sehh hekk kif iddeskriva Silvio Zammit li minhabba f'nuqqas ta' gharfien ikkawza li ssir hsara fuq persunt Caroline li kienet serja u li hu x'aktarx qatt ma basar li setghet tissuccedi."*

Waqt ix-xhieda tieghu l-istess espert tal-Qorti fuq domanda tal-Qorti qal hekk,

*"Qorti: Issa, domanda krucjali. Setghu jaghmlu xi haga biex setghet giet evitata, din is-sinjur Silvio Zammit u l-mara tieghu?*

*…..*
*…..*
*Xhud: Mela, l-manjiera ta' kif sar it-trasferiment mill-kontejner involut u t-tank tal-fjuwil, u forsi l-partijiet gholjin fejn hemm il-karboratur, seta' sar flok tramite l-uzu ta', hu s-sinjur spjega bhala buzzieqa, jien ghandi nifhem li kien qed jirreferi ghal sifun, syphon. Imma iktar milli sifun innifsu, fejn l-uxxita tieghu, ta' dan l-ispeci ta' pipe, qeghda 'l fuq, jekk qeghda 'l fuq wisq mill-kontenitur li inti qed timla' fih, allura ghandek it-tragitt fl-arja tal-likwidu mit-tarf ta' dan is-sifun ghal gol kontejner. Kieku dak gie avoided billi ezempju tnizzel l-isfel il-pipe halli l-fjuwil jinzel minghajr splashing, splashing hija l-issue, tal-materjal, l-ammont ta' vapour li se jifforma ma kienx ikun zero e, imma kien ikun imnaqqas. Barra minn hekk, another expediet li seta intuza kien illi l-vapour li kien hemm, u s-sinjur kien jaf li hem mil-vapour ghax-xammu, pero' ma vvalorizzax ir-riskju ta' dik ir-riha, qal u iva riha ta' petrol, jaf li qed jimmanipola*

*Qorti: Ma nahsibx li… Anke tghaddi minn petrol station, ixxommha imma taghtix kaz*

*Xhud: Exactly. Kieku per ezempju, il-mutur, il-batterija ma gietx ikkomunikata dak il-hin biex, imma thalla hin biex il-vapour bil-mod il-mod, jekk ma ntuzax fann biex tnehhih, ghalkemm anke fann inniffsu, jekk il-fan ikun il-fann ikun tal-elettriku u mux bil-….. dak jista' jkun jiglajdjalek. Igifieri it is a delicate operation, hafna riskji."*

Iktar tard ix-xhud il-Profs Alfred Vella fit-testimonjanza tieghu jghid hekk, *"Thankfully, mhux dejjem jigri, issa ghaliex ma jigrux jien naturalment ma nkunx naf. Probabilment ghax ikun hemm iktar sap…., jew ghax ikunu lucky u iktar sapjenti."* Iktar tard huwa jkompli bil-mod segwenti, *"Jien ghalija, dan huwa accident, ghaliex m'hemmx il-movent li."*

Illi ghalhekk id-difiza qeghda tikkontendi li dan l-akkadut kien purament incident, *casus* li certament ma setax jigi previzt u inqas u inqas kien intenzjonat.

Il-Qorti hawnhekk sejra taghmel referenza ghal dal li jghidu l-qrati taghna dwar il-*culpa* u cioe' n-negligenza.

Hawnhekk il-Qorti sejra tikkwota *in extenso* is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), deciza fit-28 ta' Frar 2018, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri ref numru 89/2017,*

**"U allura hawn fejn jidhol il-grad tal-culpa tas-sewwieq ghal event dannuz u jekk allura jistax jigi ezentat mir-responsabbilta':**

**"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:**
***1. la volontarieta dell'atto;***
***2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u***
***3. la possibilita di prevedere.***

**Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)[1]"**

**Din is-sentenza tistrieh fuq l-insenjament ta' zewg guristi tad-dritt penali fejn il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa,** ***"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."***

**Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:** ***"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".***

**L-Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita' ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta'l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx:**

***"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline).***
***Quindi occorrono due requisiti:***
***a) la violazione di una regola;***
***b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare.***

***In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."***

---

[1] Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990,

**Awturi ohra bhal Mantovani u il-Padovani jabbinaw din ir-regola ta' lAntolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba' elementi:**

***1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;***
***2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;***
***3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;***
***4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.***[2]

**Dak illi ghandu jigi stabbilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza, traskuragini jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."**

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti m'ghandiex gharfien xjentifiku u ghalhekk bilfors ikollha tistrih fuq ix-xhieda tal-Profs Alfred Vella li huwa krucjali biex jiddeterimina jekk dan l-incident sehhx minhabba negligenza jew kienx purament incident. Kif ga indikat il-Professur Vella jghid li dan l-incident sehh minhabba li l-imputat kien qieghed jitfa' l-*fuel* fid-dghajsa tieghu u sabiex jippruvaha kellu jixghela b'dan li dak l-ispark ghamel reazzjoni mal-*vapour* fl-arja u holoq spluzzjoni, fil-fatt dan huwa iktar possibbli meta l-*vapour* concentration fl-arja jkun ta' iktar minn 1%.

Huwa stat ta' fatt ukoll u kwazi normali kif gibdet l-attenzjoni l-Qorti waqt it-tehid tax-xhieda tal-Profs Vella li din ir-riha tinxtamm pjuttost komunement meta wiehed jghaddi minn fejn pompa tal-petrol, u f'dawk l-akkwati jsiru hafna sparks bejn *mobiles* mixghulin u vetturi li jinxteghlu. Fil-fatt l-istess Profs Vella fix-xhieda tieghu jghid li din il-manuvra hija wahda normali li ssir regolari u jghid li ma jigri normalment, kif jikkonferma l-istess imputat li ghalih hija haga komuni u jghamilha ta' spiss, li jitifa' l-fuel fit-tank u jixghel id-dghajsa biex jippruvaha. Ovvjament id-dghajsa jrid jippruvaha fil-garaxx tieghu u certament mhux x'hin inizzilha gol bahar.
Wiehed b'mod naturali jahseb li meta jkun qed jigi immaniggjat il-fuel se tohrog ir-riha tieghu, madanakollu trid certu livell ta' sapjenza biex tkun taf li r-riha tieghu ifisser li ma tistax tixghel magni jew aggeggi ohra elettrici eccetra. Inqas u inqas huwa komuni li persuna ragonevoli, *bonus paterfamilias* ikun jaf li ghandu jnizzel is-seffut aktar l-isfel fit-tank biex jevita l-isplashing tal-fuel li ikkaguna dan l-incident. Hawn *non si tratta* ta' fuel li gie mwaqqa ma' l-art u mxerred kullimkien umbaghad inxtghel spark izda dwar particelli fl-arja u cioe' vapour, li l-koncentrazzjoni kienet ta' livell tali li holqot spluzjoni. Certament li r-riha ta' *fuel* hija kunsidrata normali u dak li jkun mhux se joqghod jezamina l-koncentrazzjoni tal-*fuel* fl-arja biex jara jistax jipprova l-magna tad-dghajsa jew le. Li kieku l-imputat kellu dan it-tgharif xjentifiku certament li probabbli li kien jistenna li r-riha tal-*fuel* titlaq qabel ma jixghel id-dghajsa jew ta' l-inqas jaghmel din il-manuvra fl-apert f'xi ghalqa. Lanqas ma *si tratta* ta' spark li saret b'naked flame, bhal inxteghlet lighter jew sigarett, l-imputat xeghel il-magna tad-dghajsa li veru li jkollha spark elettriku biex dan isehh izda dan it-tip ta' spark huwa invizibbli fl-ghajnejn umani ghalkemm wiehed jaf li l-kurrent ikun ghaddej. Illi wkoll minn naha tal-prosekuzzjoni li naqset li ggib dik il-prova li turi kemm l-imputat kellu dik is-sapjenza sabiex ma jixghelx mutur tad-dghajsa fil-mument li jkun ghadu tefgha' l-fuel fl-istess dghajsa. Illi anki l-istess imputat qal li din il-manuvra kienet xi haga regolari li jghamilha u

[2] https://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

ma kien hemm ebda sitwazzjoni li holqot periklu qabel. Illi dan kien kaz sfortunat fejn l-istess mara tal-imputat sofriet griehi gravi fuq gisimha minhabba hruq.
Illi madankollu, l-istess espert qal li dan kien kaz ta' accident u mhux nuqqas ta' hila tal-istess imputat. Maghdud ma' dan huwa l-fatt li din il-manuvra li jixghel il-mutur sabiex jipprovah qabel inizzel hija fic-cert li saret ta' spiss. Illi dan il-fatt zgur ma kienx hemm negligenza da parti tieghu li ghamel xi haga mhux tas-soltu. Huwa risaput li mutur tad-dghajsa irid jigi mixghul anki meta ma jkunx hemm iz-zmien li titnizzel il-bahar. Illi quddiem din il-Qorti ma ngiebet ebda prova li ghamel xi manuvra mhux tas-soltu tant li waslet ghal spark u spluzjoni.  Illi anki mill-istess espert semma li fil-mument li l-imputat kien qieghed jaghfas il-buzzieqa halli jigbed il-fuel ghal gewwa tal-mutur, ma kienx induna li kien hiereg ammont ta' fuel li evapora u ghalhekk kompla zied dik it-tahlita li waslet ghal din l-ispluzzjoni. Illi ghalhekk din il-Qorti mhux qieghda tara li kien hemm dik in-negligenza min-naha tal-imputat li jwassal ghal sejbien ta' htija.
Il-Qorti tqis li l-imputat ma agixxix b'negligenza tali li tipprova l-imputazzjoni fil-konfront tieghu, u dan bit-tgharif ta' persuna ragonevoli, certament li biex tkun f'pozizzjoni tipprova tevita incident ta' dan it-tip trid tkun mgharraf fix-xjenza. Certament dak li gara kien incident li tista' tipprevedih biss jekk tezercita kawtela straordinarja.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Silvio Zammit, hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**